TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/59/13/S

Omar Schembri
Vs
Dimech Enterprises Limited

Illum 4 ta'Lulju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Omar Schembri pprezentata fl-4 ta'Marzu,2013 u r-risposta tas-socjeta Dimech Enterprises Limited ipprezentata fit-2 ta'Mejju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-16 ta'Mejju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba biex jinghata depozitu lura fuq xoghol u stallar ta'poggaman u hgieg li ma gewx konsenjati fid-data miftehma. Min-naha tieghu ir-rapprezentant tas-socjeta intimata kkonferma li l-hgieg jigi minn barra u ghalhekk seta' dam biex wasal;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ftehim originali bejn il-partijiet kien li l-kunsinna ssir 13-il gimgha minn konferma, hlas ta'depozitu u ttehid tal-kejl;

Illi dan il-ftehim igib id-data tal-11 ta'Frar,2012 u fl-istess data sar il-hlas ta'depozitu ta' €960;

Illi wiehed irid jara l-obbligazzjonijiet li johorgu mill-ewwel ftehim u li bihom intrabtu l-partijiet kif stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet "AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello" deciza fl-10 t'Ottubru,2005 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri);

Illi mhemmx kontestazzjoni li l-kejl ittiehed mill-haddiema tas-socjeta intimata u li dan ittiehed hazin;

Illi wara li ghaddew it-13-il gimgha mid-data tal-ordni u sahansitra f'Dicembru,2012 il-kunsinna tax-xoghol ordnat kien ghadu ma sarx u r-rikorrent ma hassarx l-ordni wara li ghadda t-terminu miftiehem, anzi qabel mat-tibdiliet li s-socjeta intimata kienet se taghmel minhabba l-kejl zbaljat;

Illi tacitament ir-rikorrenti accetta li t-terminu tal-kunsinna skada u accetta t-tibdiliet kif miftehma;

Illi ghalhekk ma jistax issa jishaq fuq li skada t-terminu tal-kunsinna kif miftiehem gjaladarba kien ir-rikorrenti stess li b'azzjonitu, accetta l-bdil fl-ordni anki jekk mhux tort tal-istess rikorrent;

Illi min-naha l-ohra it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma giex trattat sew fejn il-perjodu ta' kunsinna baqa' jittawwal u s-socjeta intimata ma zammitx mal-obbligi minnha assunti;

Illi fic-cirkostanzi fejn parti minn dak ordnat gja twahhal fil-fond tar-rikorrentiu minhabba r-ragunijiet gja msemmija, ikun iktar ekwu li jinghata zmien biex jitwahhal il-kumplament filwaqt li r-rikorrenti jigi kumpensat;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Ghaldaqstant f'dan l-istadju, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta'Omar Schembri limitatament ghal dak kif fuq inghad u cioe li r-rikorrent ghandu jinghata skont ta' €400 mill-ammont miftiehem filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Dimech Enterprises Limited, Jordna lill-istess socjeta intimata biex fi zmien xahar mill-llum tistalla l-kumplament tal-oggetti kif ordnati bil-prezz komplessiv jkun ta' €2000 fil-fond tar-rikorrent u fin-nuqqas, ir-rikorrenti jkun jista' jerga' jressaq din it-talba ghad-decizjoni finali, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru